MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1280/2003

**Fl-atti tal-mandat numru 1443/03/NC mahrug fis-26 ta' Awissu 2003 fl-ismijiet:**

**Melissa Mary Vassallo f'isimha proprju u f'isem bintha l-minuri Melkev Micallef**

**vs**

**Kevin Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors datat 27 ta' Novembru 2003 a fol. 1 tal-process pprezentat mir-rikorrenti Kevin Micallef fejn gie premess:

Illi fis-26 ta' Awissu 2003 gie ippresentat rikors minn Melissa Mary Vassallo *proprio et nomine* ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponent;

Illi dan ir-rikors gie akkordat fl-istess gurnata u notifikat lill-Banek lokali;

Illi effettivament l-esponent kellu kont bankarju wiehed li fih kien qed jidhol il-paga tal-esponent;

Illi f'dan il-kont kellu somma ta' circa Lm1,150 li kellu bzonnhom ghall-ispejjez li qed jaffronta in konnessjoni mat-tieg tieghu fi zmien qarib;

Illi jigi rilevat li ghalkemm il-kawsali ghall-hrug tal-mandat hija manteniment ghall-minuri, l-istess ammont lanqas biss gie spjegat fir-rikors imma hu dikjarat bhala somma globali ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) minghajr ebda hjiel ta' kemm l-intimata kienet qed tippretendi bhala manteniment ghat-tifla u ghal liema perjodu b'referenza ghat-talba ghall-arretrati ta' manteniment;

Illi fil-mori l-manteniment ghat-tifel gie likwidat fis-somma ta' sittin lira Maltija (Lm 60) fix-xahar b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Settembru 2003 li fuq perjodu ta' hames snin jammonta ghal Lm 3,600 u ghalhekk, il-mandat gja jirrisulta li hu eccessiv;

Illi kien ukoll eccessiv *ab inizio stante* li l-esponent ghandu paga netta ta' Lm 233 fix-xahar;

Illi *inoltre* il-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jawtorizza l-hrug ta' mandat kawtelatroju meta hemm htiega li wiehed jista' jitqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu;

Illi gjaladarba li *si tratta* ta' manteniment, li jkun dovut perjodikament dan hu gja zgurat mill-fatt li l-esponent jahdem u ghandu paga mensili li ghandu jservi biex jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' kull xahar tal-manteniment ghal ibnu;

Illi gjaladarba wkoll li s-somma ta' manteniment gie mfisser fir-rata ta' 60 fix-xahar mhuwiex ragjonevoli jew gustifikabbli li l-mandat jinzamm *in vigore;*

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onroabbli Qorti sabiex jogghobha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 1443/03 PA fl-ismijiet fuq premessi u dan *a tenur* tal-**artikolu 836 (1) (c) (d) u (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra Melissa Vassallo.

Rat id-digriet datat 4 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbat ijiem ghar-risposta w appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-18 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal datat 18 ta' Frar 2004, fejn ir-rikorrent iddikjara bil-gurament li ghandu paga netta ta' Lm 236 fix-xahar u l-intimata ddikjarat li ilha ma tahdem minn hames snin ilu, mindu harget tqila.

Rat ir-risposta ta' l-intimata Melissa Mary Vassallo datata 13 ta' Jannar 2004, fejn esponiet bir-rispett:-

Illi ghandu jinghad fl-ewwel lok, illi anke' harsa superficjali lejn il-kawza, wiehed mill-ewwel jirrealizza illi l-arretrati ghall-manteniment qieghdin jintalbu sa mit-twelid tal-minuri;

Illi s-somma ta' sittin liri Maltin (Lm 60) iffissata minn din l-Onorabbli Qorti bhala manteniment mensili ghall-minuri hija biss somma li giet iffissata *pendente lite,* liema somma tista' tizdied fi tmiem il-kawza;

Illi meta tinhadem ir-rata ta' Lm 60 fil-gimgha ghal tliet snin u nofs u cioe' arretrati ta' manteniment minn mindu twieldet il-minuri, is-somma tlahhaq it-Lm 3,600;

Illi s-somma sekwestrata hija biss dik ta' Lm 1,150, somma illi hija ferm inferjuri mill-ammont dovut lill-

esponenti bhala manteniment bir-rata ta' Lm 60 fix-xahar, rata ffissata minn din l-Onorabbli Qorti *pendente lite;*

Illi *in oltre,* lanqas ma jista jinghad illi l-ammont mitlub u cioe' dak ta' Lm 10,000 huwa wiehed esagerat tenut kont illi dan jirraprezenta biss is-somma totali ta' Lm 30 fil-gimgha fuq perjodu ta' tlett snin u nofs;

Illi *in oltre,* x'inhuwa u x'mhuwiex l-introjtu tar-rikorrenti huwa biss kwistjoni ta' prova guramentata u mhux il-lok li wiehed jargumenta dwar dan f'dan l-istadju;

Illi l-esponenti tikkonsenta mar-rikorrenti illi l-ligi tawtorizza l-hrug ta' mandati kawtelatorji meta hemm htiega li wiehed qieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu. Kieku din il-Qorti kellha tirrevoka dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ma jkun baqa' assolutament xejn x'jikkawtela l-jeddijiet ta' l-esponenti. L-ammont sekwestrat u cioe' dak ta' Lm1,150 jirraprezenta biss ir-rata mizera ta' circa sitt liri u tlettin centezmu (Lm 6.30) fil-gimgha fuq perjodu ta' tliet snin u nofs;

Illi *in oltre,* il-fatt illi r-rikorrenti prezentement jinsab ingaggat f'impjieg produttiv f'fabbrika tal-manifattura ma huwa l-ebda garanzija ghall-hlas ta' l-arretrati u hlas ta' manteniment fil-futur. L-ammont sekwestrat se jissodisfa biss frazzjoni ckejkna tal-ammont dovut mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu, kemm *a tenur* ta':

1. L-**artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12** *stante* li ma ngiebet l-ebda prova ta' garanzija alternattiva u soddisfacenti;

2. L-**artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12** *stante* li l-ammont mitlub mhuwiex wiehed eccessiv jew *prima facie* mhux gustifikat kif spjegat hawn fuq;

3. L-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12** *stante* illi l-ammont sekwestart huwa bzonnjuz sabiex jikkawtela parti mill-ammont pretiz inkluz tliet snin u nofs arretrati. *In oltre* hija

dahqa fil-wicc li r-rikorrenti qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat semplicement ghaliex ghandu bzonn il-flus biex jizzewweg ma' mara ohra u jerga' jgib it-tfal fid-dinja meta mhux qieghed iqis il-bzonn finanzjarju li ghandu ibnu li gia' gab fid-dinja huwa stess minn relazzjoni extra-konjugali;

Daqstant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghall-gudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota tal-konvenut datata 17 ta' Marzu 2004, a fol 11, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, ta' Charmaine Vella, ta' Doris Micallef u ta' Evelyn Micallef.

Rat in-nota tal-konvenut datata 23 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 2004, fejn id-difensuri ddikjaraw li kull ma qabad is-sekwestru kien depositu ta' Lm 1,150. Id-difensuri qablu li r-rikors jista' jmur ghall-provvediment finali u Dr. Lorraine Schembri Orland esebiet kopja tal-*payslip.* Il-kawza giet differita ghall-provvediment finali ghad-29 ta' April 2004.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa rikors abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12,** fejn ir-rikorrenti qed jitlob li jigi revokat l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 836 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 12.**

Illi in effetti l-istess mandat kawtelatorju ta' sekwestru inhareg ghal pretensjoni mill-intimata ghan-nom tal-minuri wild tal-partjiet ghall-hlas ta' manteniment mill-istess rikorrenti ghall-minuri Melvek li twieled fis-27 ta' Jannar 1999, u dwar dan hemm kawza pendenti quddiem din il-Qorti. Bhalissa hemm digriet vigenti ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* ghall-hlas ta' Lm60 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess minuri, tali digriet datat 5 ta' Settembru 2003. Jirrizulta wkoll li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju qabad is-somma ta' Lm1,150 fl-uniku kont bankarju tal-istess rikorrenti, u dwar dan jidher li l-partijiet qed jabblu.

Illi kif formolat l-istess rikors jidher li t-talba tieghu ma tistax tinlaqa' abbazi tas-**subartikolu 836 (1) (c) tal-Kap 12,** *stante* li l-istess rikorrenti ma jidhirx li offra xi garanzija ghall-pretensjoni tal-intimata fil-kwalita' taghha premessa. Mill-process odjern certament li tali garanzija fil-fatt ma tirrizultax.

Illi fit-tieni lok t-talba tar-rikorrenti ma' tistax f'dan l-istadju tintlaqa' abbazi tas-**subartikolu 836 (1) (d)** u dan peress li l-ammont u r-rata ta' manteniment li jista' jkun li tkun talvolta dovuta ghad trid tigi stabilita fil-kawza proprja bejn il-partijiet u certament mhux f'dawn il-proceduri. Il-manteniment stabilit *pendente lite* lanqas ma jista' jittiehed sabiex jigi stabilit il-manteniment definittiv fil-kawza bejn il-partijiet, ghaliex l-konsiderazzjonijiet sabiex wiehed jasal ghal tali iffissar ta' manteniment huma ben differenti minn dawk li jigu kkonsidrati ghall-manteniment *pendente lite.* Huwa ovvju ghalhekk li din il-Qorti ma tistax tasal sabiex taghti gudizzju la fuq il-pretensjoni ta-intimita fil-kawza taghha u lanqas fuq l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fl-istess kawza. Dak huwa gudizzju li jispetta lill-kawza bejn iz-zewgt partijiet u mhux f'din l-istanza, u ghalhekk certament li *in vista* tal-premess t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12.** Dan apparti konteggi li jistaw facilment isiru fil-konfront tal-ammont effettivament sekwestrat.

Illi fl-ahhar lok meta t-talba tar-rikorrenti tigi mistharga abbazi tal-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12,** din il-Qorti thoss li certament fl-ambitu ta' dawn il-proceduri odjerni, l-allegazzjoni tar-rikorrenti ibbazata fuq l-istess disposizzjoni tal-ligi, ma ssib l-ebda sostenn fattwali u legali, u ghalhekk anke' din ir-raguni ma' tistax tigi accettata minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess ir-rikors tar-rikorrenti datat 27 ta' Novembru 2003 ghandu jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimata

Melissa Mary Vassallo fil-kwalita' taghha premess datata 13 ta' Jannar 2004 biss in kwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tichad it-talba tar-rikorrenti Kevin Micallef fir-rikors tieghu datat 27 ta' Novembru 2003,** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tar-rikorrenti Kevin Micallef.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------